midjunin, li ma jistghux iħallsu tajjeb il ħaddiema, u billi dic l'art tinsab imniġġsa b'ħafna mard—fosthom it-*Tracoma* (marda kalila tal ghajnejn).

La fil ŭaħda u inkas fl'oħra ma kal seŭŭa. L'eŭŭel ħaġa, ghadha ma 'nkatghetx li daŭc il familji ghandhom jinbaghtu *Campinas*: anzi il Canonicu Charbon mar bil kaddis li *jara b'ghajnejħ fuk il post* u jistħarreġ il Gvern ta hemm, u il Conslu Ingliż, u l'Iskof u il Patrijet li jinsabu f'daŭc l'inħaŭi, biex jif hem jecc *Campinas* hix xakliba ta min jaghżilha fost l'oħrajn bħala ŭaħda mill' aħjar jeŭ hix ta min iŭarrab minnha ghal xi ħaġa. Bħala Sacerdot tal ħrara, u bidŭi mill' aħjar, u ragel ta dehen cbir, il Canonicu Charbon ma jibkax ma jiħtarx l'aħjar xakliba, biex ikieghed seŭŭa il Maltin li iridu hemm ighammru fihom.

Imbaghd, *Campinas* tigi, ûara *San Paŭl*, it-*tieni belt:* taghmel disghin elf ruħ u art tas-saħħa ghal-collox. Nereu Postana fil ctieb tieghu ighid hecc: *Aujourdhui Campinas est un veritable Sanatorium de l' Etat de San Paulo—il n' y a pas l'ombre de la fievre jaune, ni de la variole qui, autrefois, a y firent tant des victimes—la malaria peut étre considérée come disparue.* Jigifieri: "Illum Campinas hi tas-seu id-*Dar tas-Saħħa* tal art ta *San Paŭl*—la hemm il ħjel tad-deni isfar u inkas tal gidri, li, drabijet oħra, chienu katlu ħafna nies—il malarja tista' tghid li ghabet ghal-collox."

Fuk it-*Tracoma* (marda tal ghajnejn), fl'aħħar nett, ghandi nghid li f'*Campinas* m'hix mexxejja bħalma hi f'xaklibiet oħra (nghidu aħna fi Pretu u f'Jahù, fejn l'Avucat Mizzi kal li hi *fragell*): u dan ghax il Gvern tal Brażil, biex ma tidħolx hemm dic il marda, jinvista ghajnejn cull-min imur kabel ma iħalliħ jinżel l'art; u daŭc li jitniġġsu biha jiccurahom bir-rekka collha tal akŭa taghlim tat-Tobba, biex il marda ma tixteredx kalb il kaŭŭijin.

Barra minn dan, *Campinas* kieghda bejn iż-żeŭġ ferroviji il cbar: dic l'imsejjħa *Paulista* ghax titlak mil belt ta *San-Paŭl*, li tigi boghod minnha xi sebghin mil; u il *Mogyna* li tmur ghax-xakliba l'oħra. Din il ħaġa tisŭa ŭisk lill bdieŭa biex ibieghu l'uċuħ tar-raba. L'artijet ma daŭr il belt ta *Campinas* ghammielha mill'actar, ghax hemm ilma b'cotra cbira: u barra mil *Cafè*, li hu l'iżjed imsemmi fost ta daŭc l'inħaŭi, isiru il kasab taz-zoccor (*cannamieli*), it-tabacc, il kmuħ, il koton, il ġŭieżijet collha u ħxejjex oħra.

Biex ma nieħudlicx actar mil ŭisa li ghoġboc tatini, niekaf haŭn: imma iż-żmien, li hu ragel, ma idumx ma ighid min ghandu ragjun, il Cumitat tal *Emigrazzjoni* jeŭ (Alla ħares katt!) il gażetti li kamu ghaliha. U mita jasal dac il ħin, ŭieħed icun jista' jitħaddet bil maghruf, jigifieri fuk *dac li jiġri*, mhux fuk il *cliem fieraħ*.

Nizzic-ħajr u ghoddni dejjem
il ħabib sâfi tieghec
Dr. L. Manche'.

Ŭara.—Nitolboc taklibli dan collu bil-Malti u hecc torbot actar mieghec
il ħabib
L. Manche'

## IL HOLKIEN

*(jissocta fuk l'aħħar ħarġa)*

Id-daŭran li bis saħħa ta daŭn iż-żeŭġ kaŭŭiet jaghmel il kamar daŭra mejt ma dŭar l-art, ma hux dac li naraŭħ f' ghajnejna jaghmel mil lvant ghall punent cull jum: dac ma hux ħaġ' oħra ħlief il klib li takleb l-art fukha n-nfisha bħal ma ddur raddiena mil punent ghal lvant, kalba cull 24 siegha, sejra dejjem bla ma tħalli lebda ħin ighaddi bejn kalba u oħra, klib li jkarrak bina ghax jurina f'ghajnejna li ix-xemx il kamar u il-cŭiecheb collox idur ma dŭar l-art mil lvant ghall punent. Id-daŭran li jaghmel il kamar ma dŭar l-art hu il maklub ta dac li semmejna: il kamar idur ma dŭar l-art mil punent ghal-lvant, jigifieri l-istess chif takleb fukha n-nfisha l-art. Jiġri ghalhecc li ghad li bissaħħa ta dan il klib ta l-art fukha n-nfisha mil punent ghal-lvant cull, nghidu aħna, strixxa ta ŭiċċ id-dinja mifruxa mit-tramuntana ghan-nofs in-nhar jigi il ħin taghha li tidħol fid-daŭl li jroxx il kamar: dac il ħin ma jcun katt ŭieħed, ghad li cull kalba ssir f'24 siegha: cull strixxa milli semmejna ma tilmaħx il kamar cull 24 siegha seŭŭa, jigifieri cull mita tarġa tigi fejn chienet il jum ta kabel. Il kamar li jimxi geŭŭa l-istess riħ li takleb dic l-istrixxa, jigifieri mil punent ghal-lvant, tul daŭc l-erbgha u ghoxrin siegha icun mexa lejn il-lvant biċċa ġmielha, u hecc dic l-istrixxa li tcun, jcollha tistenna l-art takleb biċċa oħra biex tasal li tilmaħ il kamar. Dic il biċċa klib li taghmel fukha n-nfisha l-art actar mil jum ta kabel bejn ħin il kamar ghal ieħor, hi ta 48 minuta u minn dakkiet inkas, ħin li soltu nghidu iddaŭŭar il kamar ma tala.

*(Jissocta)* G. Vassallo.

## ĠRAJJA TA MALTA?....

Ŭasal f'idejna *librett* ta tmin faċċati, imsejjaħ *Id-Delitt tal Madliena*: u ighid li hu *fatt veru li ġara Malta fis-sena 1634*.

Xtakna nafu minn ghand is-Sur Toninu Vella, li chitbu bil Malti, f'liema *Storja ta Malta* jeŭ f'liema *document antic* sabu. Ghax jecc daŭc huma tas-seŭ *ġrajja ta Malta*, fihom l'isbaħ medda biex fukhom jintiseġ ctieb imsaŭŭar, nghidu aħna bħal ta *Inez Farruġ* u ta *Nazju Ellul*. Dan il *librett*, ghad li hecc ċchejchen, m'hux miġbud ħażin u inkas ma hu mictub mgharrak, bħal daŭc il gharucażijet li haŭn jiġru *mas-sakajn....* ma nghidux *fl'idejn*, ghax ma jixirklohmx icunu fihom! Imma nibżghu li *id-Delitt tal Madliena* giè meħud minn xi ctieb ta Barra u mghammed bl'isem ta xakliba ta Malta, bħalma kieghdin jaghmlu il *bejjegħa tat-toscu*, taħt ix-xbiha ta *Rumanzi cbar*—Rumanzi famusi, Rumanzi li ma bħalhom, Slaten tar-Rumanzi *Maltin*: fil ŭakt li min chitibhom b'ilsien ieħor inkas jaf Malta fejn hi u jecc tinsabx tas-seŭ fid-dinja. Ibiddlu l'ismijet tal *persunaġġi*, tal *lochijet* u tal *pajjiżi*: u ħrafa l'iżjed mokżieża u velenusa ghall klub taż-żghażaħ collha, imma l'actar tannisa, xebbiet u mizżeŭŭgin, *ħrafa li taparsi* ġrat min jaf f'liema art fil boghod ighadduha bi *Ġrajja ta Malta!* Li chienu ghal l'inkas jafu jonġru ftit il ħażin mit-tajjeb u jictbu suret in-nies! Imma xejn minn dan collu! Collox ħorrox borrox: u ħsieb ŭieħed biss—li idaħħlu xi ħaġa tal flus—ghad li daŭc *flus misħuta* u maħħom ma jistghux igibu gid!

Daŭc il boloħ li kieghdin iħallsu tajjeb lil min kieghed jintuscalhom demmhom irkikirkik, ma jafux li daŭc il *Ġrajja ta Malta* (barra minn fukna!) ma huma *ġrajja ta 'mchien*; u li min chitibhom bit-Taljan, jeŭ bl'Ingliż, jeŭ bil Franciż—il biċċa il cbira bil Franciż—ħolokhom minn rasu biex isaħħan l'imħuħ: imma katt ma chien jobsor li sejjer isib ħallelin *tieghu* u *taħhom* li jaħmuhomlhom bi *Stejjer ta Malta*.

Fra Meliton.

Mil Lucerna tal Hajja:—4. Cristu bàta ghalina u ħallielna l'esempju li immorru ŭarajħ u inbatu bħala sculari tieghu.

## Ghâda ħażina.

Bosta u bosta nies ghandhom ghâda ħażina ferm: meta icollhom xi caŭża fuk interessi,jeŭ icunu sejjrin jixtru xi dar,jeŭ ibieghu xi ghalka, jeŭ jissellfu xi ħaġa, imorru ghand in-Nutar biex jieħdu parir minn ghandu chif ghandhom jaghmlu.

In-Nutar, jecc icun jaf id-dmir tieghu, ghandu jibghathom dritt ghand l'Avucat, ghaliex il Ligi ghamlet l'Avucati biex jatu il pariri.

In-Nutar ma ghandux jaghmel ħaġ' oħra ħlief jin-*nota* (jigifieri *jicteb*, ghalhecc jissejjaħ *Nota-ro*, nutar) dac li ŭieħed irid jicteb, jecc dan icun scond il Ligi; u ma jistax jati pariri, anzi jecc jatihom jarfa' pis m'hux cbir ftit.

Iżda daûc li icunu iridu li in-Nutar jatihom parir jaghmluħ ghall fini ta moħħom, jeŭ aħjar ta buthom, mhux ghaliex icollhom fidi actar fin-Nutar mill' Avucat: iżda daŭn l'imsejjna drabi jiġrilhom li jitilfu ghall ħabba bżar il borma u ta ġo fiha. U ma hix bluha, ghiduli ftit, li tibża ghal ftit liri meta toħroġ drabi gharkec ta ħajjtec collha? C. M. D.

## Il Frosta

Dari, mita xi ħadd chien icun ta condotta ħażina, kabel ma chienu idaħħluħ il ħabs chienu jiffrustaŭħ, billi idaŭŭruħ il Belt, f'cull cantuniera idokku tromba u chif jingemghu in-nies l'argużin jeŭ xi ħadd f'locu jakralu is-sentenza u jatiħ dakkiet ta frosta fuk dahru jeŭ fuk riġlejħ, kuddiem cullħadd, biex javviluħ.

Illum il ġurnata, niżżu-ħajr ll'Alla, din il ghada cherha spiċċat ghal-collox minn fost il bnedmin civilizzati. Però, minn xi dakkiet nosserva li cull tant ghadha tidher xort'oħra, mita nara qŭasi cull jum ruxxmata nies bil gendarm maħħom telghin Cordin, u minn xi dakkiet b'periculu cbir ta saħħithom, ghax mhux darba u tnejn tellghuhom f'xemx ticqŭi l'ancri.

Mita staksejt fuk dana, ghax minn ghalija hemm il carozza biex iġġorr in-nies ghall ħabs, kaluli li il gvern ghal issa ma jistax jieħodhom bil carozza ghaliex ke'd iħarreġ xi żeŭġ bhejjem ghal dac ix-xoghol.

Ma jidhirlix jena li 'mħabba f'hecc ghandu ibati l'imsejchen cundannat! U minn xi dakkiet icunu nies l'actar onesti, li jiġu icundannati fuk ħŭejjeġ żghar, però mhux talli jeħlu il ħabs, imma iridu jiffrustaŭ ruħhom billi jieħduhom bil mixi lejn Cordin f'ħinijet l'actar freqŭentati min-nies. Tarġa, mil banda l'oħra, il gażetti collha donnhom icunu jistenneŭ xi biċċa hecc, arahom fl'*Aħbarijet tal Pajjiż* igibu l'isem ta cull ŭieħed li jeħel il ħabs, jeŭ jitlef xi caŭża.

Jidhirli jena li dana m'hux seŭŭa, u inti, Sur Direttur, taghmel ŭisk tajjeb li katt ma iġgib l'isem ta ŭieħed iccundannat, ghaliex minn xi dakkiet icun hemm min jigi iccundannat u imbghad fl'Appell jirbaħ il caŭża. Daŭc li ma jaghmlux bħalec, chif jiġbru dac l'icunu xandru ma cullimchien? ...

Ħalli *gażetti* oħra jaghmlu li joghġobhom: il *Habib* ma ighacchesx l'imsejchen cundannat, li, ŭara li imur Cordin biex iħallas il ħtija tieghu, ghandu jigi ucoll iffrustat minnhom!

Il ġustizzja tad-dinja ticcundanna fuk li jidher: imma min jaf chemm nies, li, scond il congitturi, jidhru li icunu ħatja u jiġu ucoll iccundannati, forsi icunu innucenti!

Mela, ibka ŭarrab, Sur Direttur, din il biċċa mil *Habib*: aghllem u iftaħ ghajnejn il poplu ghall gid tieghu bħalma kieghed taghmel u katt la iżżid il hemm tal imsej-

